# Fond Ċentrali tal-Koperattivi

## Rapport u kontijiet finanzjarji

## Għas-sena li għalqet fit-30 ta' Settembru 2016

# Werrej

| | |
|---|---|
| Rapport tal-membri tal-Fond | 2 |
| Kont ta' dħul u nfiq | 4 |
| Karta tal-bilanċ fit-30 ta' Settembru | 5 |
| Stqarrija dwar bidliet fil-fond akkumulat u riżervi | 7 |
| Stqarrija dwar dħul u ħruġ ta' flus | 8 |
| Noti fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji | 9 |
| Rapport indipendenti ta' l-awdituri | 27 |

# Rapport tal-membri tal-Kumitat tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi

Il-membri tal-kumitat qed jippreżentaw dan ir-rapport u l-kontijiet finanzjarji tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi (il-"Fond") għas-sena li għalqet fit-30 ta' Settembru 2016.

**Attivitajiet prinċipali**

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi għandu diversi għanijiet kif imsemmija f'nota 1 ta' dan ir-rapport u kontijiet finanzjarji.

**Rizultat**

Ir-rizultat għas-sena juri bilanċ favorevoli għas-sena ta' € 373,541 (2015: € 326,033).

**Membri tal-kumitat**

Il-membri li servew matul din is-sena finanzjarja huwa kif gej:

| | |
|---|---|
| Chairman | Is-Sur Miguel Borg (appuntat Chairman fil-21 ta' Ottubru 2016)<br>Is-Sur Anton Muscat (appuntat Chairman fis-16 Gunju 2016 u rriżenja fil-21 ta' Ottubru 2016)<br>Is-Sur Norman Cassar (irriżenja fit-30 ta' April 2016) |
| Deputy Chairman | Is-Sur Joseph Abela (appuntat fil-21 ta' Ottubru 2016) |
| Membri | Is-Sur Stephen Sultana (appuntat fil-21 ta' Ottubru 2016)<br>Is-Sinjura Davinia Sammut Hili (appuntata fil-21 ta' Ottubru 2016)<br>Is-Sur Noel Bartolo (appuntat fil-21 ta' Ottubru 2016)<br>Is-Sur Emanuel Zahra (appuntat fil-21 ta' Ottubru 2016)<br>Is-Sur Paul Piscopo (irriżenja fil-21 ta' Ottubru 2016)<br>Is-Sur Emanuel Falzon (irriżenja fil-21 ta' Ottubru 2016)<br>Is-Sur Angelo Azzopardi (irriżenja fil-21 ta' Ottubru 2016)<br>Is-Sur Paul Debono (appuntat fl-24 ta' Awwissu 2015 u rriżenja fil-21 ta' Ottubru 2016)<br>Is-Sur Mario Gerada (appuntat fis-6 ta' Novembru 2015 u rriżenja fil-21 ta' Ottubru 2016)<br>Is-Sur Louis Zammit (appuntat fis-6 ta' Novembru 2015 u rriżenja fil-21 ta' Ottubru 2016)<br>Is-Sinjura Frances Mifsud B.A. (Hons.) Acc, CPA FIA (irriżenjat fil-31 ta' Mejju 2015)<br>Is-Sur Victor Zarb (irriżenja fit-31 ta' Lulju 2016) |
| Segretarja/u | Is-Sur Marvin Zammit B.A. (Hons) Acc, M.A. (Fin. Serv.), CPA, MIA |

**Żvelar ta' informazzjoni lill-awditur**

Sad-data ta' dan ir-rapport, il-membri jikkonfermaw li:

- Safejn il-membri huma konxji, m'hemm ebda nformazzjoni rilevanti meħtiega mill-awditur indipendenti b'konnessjoni mat-tħejjija tar-rapport ta' l-awditur li l-awditur mhux konxju minnha, u
- Il-membri ħadu l-passi kollha li kellhom jieħdu sabiex ikunu nfurmati bl-informazzjoni rilevanti meħtieġa mill-awditur indipendenti b'konnessjoni mat-tħejjija tar-rapport ta' l-awditur kif ukoll li jistabilixxu li l-awditur huwa konxju ta' dik l-informazzjoni.

**Dikjarazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-membri tal-kumitat**

L-Att XXX ta' l-2001 dwar is-Soċjetajiet Koperattivi, Kap.442 jirrikjedi lill-membri biex jippreparaw l-kontijiet finanzjarji għal kull sena finanzjarja li juru b'mod veru w ekwu l-qagħda finanzjarja tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi fl-aħħar tas-sena u r-riżultati ta' l-operazzjonijiet tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju kif addottat mill-Unjoni Ewropeja. Fit-tħejjija dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, il-kumitat huwa meħtieġ li:

- jaddotta l-bazi tal-'going concern' sakemm jistabbilixxi li ma jkunx aktar xieraq li jippreżumu li l-Fond ma jkunx jista' jkomli fin-negozju;
- jagħżlu politika ta' kontabbilta xierqa u mbagħad japplikawha b'mod konsistenti;
- jagħmlu ġudizzji u stimi li huma raġonevoli u prudenti;
- iniżżlu fil-kontijiet id-dħul u l-ispejjez relatati mas-sena finanzjarja fuq l-'accruals basis';
- jivvalutaw separatament il-komponenti ta' l-attiv u l-passiv fil-kontijiet finanzjarji; u
- jirrapportaw figuri komparattivi li jikkorrispondu għal dawk tal-perjodu finanzjarju ta' qabel.

Il-membri huma responsabbli għaż-żamma ta' records ta' kontabbilta xierqa li jiżvelaw bi preċiżjoni raġonevoli l-pożizzjoni finanzjarja tal-Fond u biex jgħinuhom jiżguraw li d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tħejjew sew skond ir-regolamenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja L.S. 344 tal-2016. Din ir-responsabbiltà tinkludi tfassil, implimentazzjoni u żamma ta' kontrolli nterni li jkunu rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ġusta ta' kontijiet finanzjarji li huma ħielsa minn dikjarazzjonijiet żbaljati materjali, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żbalji. Il-kumitat huwa responsabbli wkoll għas-salvagwardja ta' l-assi tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi u għat-teħid ta' passi raġonevoli għall-prevenzjoni u kxif ta' frodi u irregolaritajiet oħra.

**Awditur**

Grant Thornton esprimew ir-rieda tagħhom li jkomplu fil-kariga ta' awditur.

M. Borg

**Is-sur Miguel Borg**
Chairman

**Is-sur Joseph Abela**
Deputy Chairman

Indirizz tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi:
Koperattivi Malta
Triq l-Imdina
Hal Qormi, QRM 9011
Malta

12 ta' Settembru 2017

# Kont ta' dħul u nfiq

| | Noti | 2016 | 2015 |
|---|---|---|---|
| | | € | € |
| Kontribuzzjonijiet | 6 | 475,780 | 418,721 |
| Dħul finanzjarju minn investimenti | 7 | 47,188 | 50,386 |
| Dħul ieħor | | 2,006 | 4,001 |
| **Dħul totali** | | **524,974** | **473,108** |
| **Spejjeż amministrattivi u oħrajn** | | | |
| Spejjeż amministrattivi | | 46,738 | 31,309 |
| Koperattivi Malta | 8 | 57,662 | 66,658 |
| Sħubija ma' għaqdiet internazzjonali | | 31,169 | 22,086 |
| Attivitajiet oħra | | 600 | 600 |
| Spejjeż finanzjarji | | 2,445 | 11,433 |
| Skema ta' sussidju fuq l-imgħax fuq self u grants oħra | | 12,819 | 14,989 |
| | | **151,433** | **147,075** |
| **Bilanċ favorevoli għas-sena** | 9 | **373,541** | **326,033** |
| **Dħul komplessiv ieħor** | | | |
| Bidla fil-valur tal-investiment | | 70,191 | 24,858 |
| Riklassifikazzjoni għal-Kont ta' dħul u nfiq fuq bejħ ta' nvestimenti | | (9,484) | - |
| **Dħul komplessiv ieħor għas-sena** | | **60,707** | **24,858** |
| **Total ta' dħul komplessiv** | | **434,248** | **350,891** |

# Karta tal-bilanċ fit-30 ta' Settembru

| | Noti | 2016 | 2015 |
|---|---|---|---|
| | | € | € |
| **ATTIV** | | | |
| **Attiv marbut** | | | |
| Propjeta', inġenji u makkinarju | 10 | 754,206 | 758,118 |
| Investimenti | 11 | 2,401,138 | 2,654,180 |
| | | **3,155,344** | **3,412,298** |
| **Attiv kurrenti** | | | |
| Debituri – kontribuzzjoni | 6 | 753,820 | 663,427 |
| Debituri – koperattivi relatati | 8 | 30,609 | - |
| Imgħax li jrid jinġabar | 12 | 22,347 | 18,042 |
| Flus il-bank | 13 | 642,027 | 304,905 |
| Flus fl-idejn | 13 | 1 | 1 |
| | | **1,448,804** | **986,375** |
| **Attiv marbut u attiv kurrenti** | | **4,604,148** | **4,398,673** |

# Karta tal-bilanċ fit-30 ta' Settembru – tkompli

| | Noti | 2016 | 2015 |
|---|---|---|---|
| | | € | € |
| **FOND AKKUMULAT U RIŻERVI** | | | |
| Riżerva ta' valur ġust fuq investimenti | | 454,731 | 394,024 |
| Fond Ċentrali tal-Koperattivi – akkumulat | | 4,134,582 | 3,761,041 |
| | | **4,589,313** | **4,155,065** |
| **PASSIV** | | | |
| **Fit-tul** | | | |
| Self – ammont li għandu jitħallas wara sena | 14 | - | **170,399** |
| **Kurrenti** | | | |
| Self – kurrenti | 14 | - | 53,497 |
| Kredituri – ammonti li għandhom jitħallsu fi żmien sena | 15 | 14,835 | 19,712 |
| | | **14,835** | **73,209** |
| **Passiv kurrenti u fit-tul – total** | | **14,835** | **243,608** |
| **Riżervi, self u kredituri – total** | | **4,604,148** | **4,398,673** |

Il-kontijiet finanzjarji li jidhru f'paġni 4 sa 26 ġew approvati mill-Kumitat u awtorizzati għal-użu fit-12 ta' Settembru 2017 u ġew iffirmati għan-nom tal-Kumitat minn:

M. Borg.

**Is-sur Miguel Borg**
Chairman

**Is-sur Joseph Abela**
Deputy Chairman

 

# Stqarrija dwar bidliet fil-fond akkumulat u riżervi

| | Riżerva ta' valur ġust fuq investimenti | Fond akkumulat | Total |
|---|---|---|---|
| | € | € | € |
| Fl-1 ta' Ottubru 2014 | 369,166 | 3,435,008 | 3,804,174 |
| Bilanċ favorevoli għas-sena | - | 326,033 | 326,033 |
| Bidla fil-valur ġust ta' l-investiment | 24,858 | - | 24,858 |
| **Total ta' dħul komplessiv** | **24,858** | **326,033** | **350,891** |
| **Fit-30 ta' Settembru 2015** | **394,024** | **3,761,041** | **4,155,065** |
| Fl-1 ta' Ottubru 2015 | 394,024 | 3,761,041 | 4,155,065 |
| Bilanċ favorevoli għas-sena | - | 373,541 | 373,541 |
| Bidla fil-valur ġust ta' l-investiment | 70,191 | - | 70,191 |
| Riklassifikazzjoni għal-kont ta' dħul u nfiq fuq bejgħ ta' nvestimenti | (9,484) | - | (9,484) |
| **Total ta'dħul komplessiv** | **60,707** | **373,541** | **434,248** |
| **Fit-30 ta' Settembru 2016** | **454,731** | **4,134,582** | **4,589,313** |

# Stqarrija dwar dħul u ħruġ ta' flus

| | Noti | 2016 | 2015 |
|---|---|---|---|
| | | € | € |
| **Attivitajiet kummerċjali** | | | |
| Bilanċ favorevoli għas-sena | | 373,541 | 326,033 |
| Aġġustamenti | 17 | (38,773) | (29,878) |
| Ċaqlieq fid-debituri | | (121,002) | (132,395) |
| Ċaqlieq fil-kredituri | | (9,385) | (1,449) |
| Ħlas ta' sussidju fuq self tal-koperattivi | | (6,404) | - |
| Ħlas ta' interessi | | (2,409) | (11,363) |
| | | **195,568** | **150,948** |
| **Investimenti** | | | |
| Dħul minn bejgħ ta' investimenti | | 323,233 | - |
| Imgħax mill-bank u investimenti | | 33,399 | 56,563 |
| | | **356,632** | **56,563** |
| **Finanzjament** | | | |
| Ħlas lura fuq is-self | | (215,078) | (122,764) |
| | | **(215,078)** | **(122,764)** |
| Ċaqlieq ta' flus fl-idejn u bilanċ tal-bank | | 337,122 | 84,747 |
| Flus fl-idejn u bilanċ tal-bank fil-bidu tas-sena | | 304,906 | 220,159 |
| **Flus fl-idejn u bilanċ tal-bank fl-aħħar tas-sena** | 13 | **642,028** | **304,906** |

# Noti fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji

## 1 Regolamenti u attivitajiet tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi

Skont ir-regolamenti miktuba fil-Leġislazzjoni Sussidjarja L.S. 442.03 (paragrafu 3), il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi, permezz tal-Kumitat tal-Fond, għandu bħala għanijiet ewlenin li:
- jamministra l-Fond Ċentrali tal-Koperattivi;
- jġib 'il quddiem l-edukazzjoni u t-taħriġ dwar il-koperattivi għall-iżvilupp ġenerali tal-moviment koperattiv f'Malta, u sabiex iwettaq kull attivita' li jkollha x'taqsam ma' dan;
- jiffinanzja programmi edukattivi u ta' taħriġ li jkollhom x'jaqsmu mal-promozzjoni u l-iżvilupp tal-moviment koperattiv għall-membri u l-persunal impjegat minn koperattivi u persuni oħra li jistgħu attivament jikkontribwixxu lejn il-promozzjoni tal-moviment koperativ;
- jikkummissjona studji u riċerka f'oqsma partikolari ta' attivita' fil-koperattivi jew f'xi soċjeta' koperattiva individwali f'Malta, bil-għan li jiġi stmat kull twettiq imgħoddi u jiġi żvelat kull potenzjal possibbli għall-operat tal-futur;
- jipproduċi jew jippubblika materjal edukattiv dwar il-koperattivi għall-użu tal-membri ta' soċjetajiet koperattivi, studenti u l-pubbliku inġenerali bil-għan li jiġu mxerrda kunċetti u prattika koperativa;
- jisponsorja l-parteċipazzjoni minn koperattivi f'fieri kummerċjali jew fieri speċjalizzati għall-promozzjoni ta' soċjetajiet koperattivi jew tal-moviment koperattiv inġenerali;
- jappoġġja u jintensifika l-parteċipazzjoni tal-moviment koperattiv Malti f'organizzazzjonijiet, attivitajiet u proġetti relevanti fuq livell internazzjonali;
- jappoġġja l-eżistenza u l-iżvilupp ta' soċjetajiet koperattivi f'kull settur tal-ekonomija u tas-soċjetà;
- jikkonsidra u, fejn jitqies xieraq, jappoġġja l-programmi edukattivi li jiġu proposti mill-Bord minn żmien għal żmien; u
- jiġbor, jirkupra u jistitwixxi proċedimenti għall-ħlas ta' ammonti lill-Fond Ċentrali tal-Koperattivi, skont l-artikolu 91(6) tal-Att.

## 2 Informazzjoni ġenerali

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi huwa stabbilit skont l-Att XXX tal-2001 dwar is-Soċjetajiet Koperattivi (Fond Ċentrali tal-Koperattivi), u huwa regolamentat mill-L.S. 442.03 (Regolamenti dwar il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi). L-indirizz tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi huwa Koperattivi Malta, Mdina Road, Qormi, QRM 9011.

Il-kontijiet finanzjarji tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi kienu ippreparati skont l-Istandards tal-Kontijiet Internazzjonali (IFRS) kif maħruġa mill-'International Accounting Standards Board' (IASB) u kif adottati mill-Unjoni Ewropea, u skont l-Att tal-2001 dwar is-Soċjetajiet Koperattivi.

Ir-regolamenti fil-Leġislazzjoni Sussidjarja L.S. 442.03 ġew revokati fil-21 ta' Ottubru 2016 u minflokhom daħlu fis-seħħ ir-regolamenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja L.S. 344 tal-2016.

Kif muri f'paġna 24 ta' dawn il-kontijiet finanzjarji, il-membri l-ġodda tal-kumitat ġew appuntati fil-21 ta' Ottubru 2016. Għaldaqstant, il-membri l-ġodda qiegħdin jiffirmaw u japprovaw dawn il-kontijiet li kienu ġew ippreparati mill-kumitat ta' qabel.

## 3 Bidliet fl-'accounting policies'

### 3.1 Standards ġodda u riveduti li saru effettivi għal perijodi li jibdew fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara

Numru ta' standards ġodda u riveduti li kienu effettivi għal perijodi li jibdew fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara ma kellhomx impatt fuq il-kontijiet tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi u għalhekk ma sar ebda tibdil fl-'Accounting Policies' fl-2016.

### 3.2 'Standards' ġodda, bidliet u interpretazjonijiet fuq standards kurrenti li għadhom ma japplikawx u li ma ġewx adottati kmieni mill-Fond Ċentrali tal-Koperattivi

Sa d-data ta' l-iffirmar ta' dan ir-rapport u kontijiet finanzjarji, ċertu standards ġodda, bidliet u nterpretazjonijiet ta' standards kurrenti ġew ippublikati mill-IASB iżda għadhom m'humiex applikabbli u għalhekk ma ġewx adottati mill-Fond. Informazzjoni fuq l-istandards li huma relevanti għal Fond, hija ppreżentata hawn taħt.

Il-Kumitat jantiċipa li l-istqarrijiet u standards ġodda applikabbli se jkunu addottati fl-'accounting policies' fl-ewwel perjodu finanzjarju li jibda wara d-data effettiva ta' dawn l-istqarrijiet dwar standards ġodda. Interpretazzjonijiet u standards oħra li nħarġu u ma ġewx adottati jew li ma ġewx ippreżentati mhux mistennija li għandhom ikollhom xi mpatt sostanzjali, ma ġewx ippreżentati.

#### 'IFRS 9 Financial Instruments' (2014)

L-istandard il-ġdida tintroduċi bidliet estensivi fil-gwidi ta' l-IAS 39 fuq il-klassifikazzjoni u l-kejl ta' assi finanzjarji u tintroduċi mudell ġdid ta' "expected credit loss" għat-taħsir ta' assi finanzjarji. IFRS 9 tipprovdi wkoll gwida ġdida dwar l-applikazzjoni ta' "hedge accounting".

Il-kumitat għad irid jevalwa l-impatt ta' l-IFRS 9 fuq id-dikjarazzjoni finanzjarja tal-Fond iżda għadu mhux fil-pożizzjoni biex jagħti nformazzjoni kwantitattiva. F'dan l-istadju, l-oqsma ewlenin fejn mistenni jkun hemm xi mpatt, huma kif gej:

- jeħtieġ li l-klassifikazzjoni u l-kejl ta' l-assi finanzjarji tal-Fond jiġu riveduti abbażi tal-kriterji l-ġodda li jqis flussi kuntrattwali ta' flus mill-assi tal-Fond u l-mudell ta' negozju li fih ikunu ġestiti;
- mistenni li jkun irrikonoxxut xi taħsir fuq telf ta' kreditu mistenni fuq riċevibbli kummerċjali tal-Fond u investimenti li jkunu klassifikati bħala AFS u HTM (skond liema u jekk ikunu applikabbli). ħlief jekk ikun ikklasifikat bħala 'FVTPL' skond il-kriterji l-ġodda;
- mhuwiex se jkun iktar possibli li wieħed iqis l-investiment f'ishma "at cost less impairment" u għalhekk dawn l-investimenti iridu jigu preżentati fil-kont ta' dħul u nfiq, sakemm il-kumpanija ma tagħżilx li tippreżentahom fid-"dħul komplessiv ieħor".
- Jekk il-kumpanija tagħżel li tuża' l-"fair value" għal ċertu passiv, il-movimenti fil-"fair value" iridu jigu ppreżentati fid-'dħul kumplessiv ieħor', sakemm dawn il bidliet jirrelataw mat-telf tal-kreditu tal-kumpanija.

IFRS 9 hija effettiva għall-perijodi li jibdew fl-1 ta' Jannar 2018 jew wara.

#### IFRS 15 'Revenue from Contracts with Customers'

IFRS 15 tippreżenta r-rekwiżiti l-ġodda għar-rikonoxximent tad-dħul, li tissostitwixxi l-IAS 18 'Revenue', IAS 11 'Construction Contracts', u diversi nterpretazzjonijiet relatati mad-dħul. L-istandard il-ġdid tistabbilixxi mudell rikonoxximent tad-dħul ibbażata fuq kontrolli u tipprovdi gwida addizzjonali f'bosta oqsma li mhumiex koperti fid-dettall skond l-IFRSs eżistenti, inkluż kif għandhom jiġu arranġamenti ta' obbligi fuq prestazzjonijiet multipli, prezzijiet varjabbli, drittijiet ta' rifużjoni għal klijenti, u kumplessitajiet komuni oħra.

IFRS 15 hija effettiva għal-perijodi li jibdew fl-1 ta' Jannar 2018 jew wara. Il-membri għadhom mhux fil-pożizzjoni biex jagħtu nformazzjoni kwantitattiva.

## 4 'Accounting policies'

### 4.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

Il-kotba huma miżmuma u preżentati f'ewro, u huma bbażati fuq 'historical cost accounting' u skont l-Istandards ta' Kontijiet Internazzjonali.

Il-preparazzjoni tal-kontijiet finanzjarji skont l-Istandards Internazzjonali jirrikjedu li l-Kumitat jieħu stimi li jaffettwaw l-applikazzjoni tal-bażi taż-żamm tal-kotba u l-ammonti rrappurtati taħt l-attiv u l-passiv, u l-kont tad-dħul u nfiq. L-istimi huma bbażati fuq il-passat u fatturi oħra li jistgħu jkunu raġonevoli taħt iċ-ċirkustanzi partikolari u r-riżultat milħuq minn dawn l-istimi fuq il-valur ġust ta' l-attiv u l-passiv mhumiex disponibbli minn sorsi oħra.

L-istimi huma riveduti fuq bażi kontinwa. Reviżjonijiet tal-istimi huma rikonoxxuti fil-perjodu fejn l-istimi ġew riveduti jekk il-bdil jaffettwa biss dak il-perjodu, inkella fil-perjodu tar-reviżjoni u fil-futur jekk il-bdil jaffettwa lit-tnejn.

Fl-opinjoni tal-Kumitat, l-istimi magħmula fil-proċess tal-preparazzjoni tal-kontijiet finanzjari mhumiex diffiċli, suġġettivi jew komplessi u li għaldaqstant jineċċessitaw deskrizzjoni hekk imsejħa 'kritika' skond l-Istandard Internazzjonali numru wieħed.

M' hemmx standards oħra u interpretazzjonijiet relevanti għall-kontijiet finanzjarji li ġew mandatorji fis-sena kurrenti u l-Fond Ċentrali tal-Koperattivi għażel li ma jadottax standards qabel ma dawn jiġu mandatorji.

### 4.2 Rikonoxximent tad-dħul u spejjeż

Il-Kontribuzzjonijiet mill-koperattivi huma rikonoxxuti fuq bażi ta' arretrati.

L-imgħax mill-investiment huwa rikonoxxut fuq bażi ta' sena.

L-ispejjeż huma rikonoxxuti fil-kont ta' dħul u nfiq meta jiġi utilizzat is-servizz.

### 4.3 Propjeta', inġenji u makkinarju

Il-propjeta', inġenji u makkinarju qiegħed jiġi muri b'kemm sewa meta nxtara, u wara li tnaqqas id-deprezzament. Id-deprezzament qiegħed jiġi pprovdut skont il-ħajja mistennija tal-attiv. Ebda deprezzament ma jittieħed jekk l-attiv marbut ma jkunx intuża. Ir-rati huma:

| | % |
|---|---|
| - Propjeta' immobbli | 0 |
| - Apparat tal-uffiċċju | 10 |
| - Apparat tal-kompjuter | 33 1/3 |

## 4.4 Nota fuq taħsir (impairment)

Fl-għeluq ta' kull sena finanzjarja wieħed irid jikkunsidra jekk l-attiv sofriex xi tnaqqis fil-valur tiegħu. Jekk ikun hemm xi indikazzjoni li l-attiv sofra xi tnaqqis u l-valur veru tiegħu huwa inqas minn dak muri fil-karta tal-bilanċ dan it-tnaqqis għandu jiġi muri bhala spejjeż f'dak il-perjodu.

Fil-każ ta' riverżjoni ta' telf ikkaġunat minn taħsir, l-ammont miżmum tal-assi huwa miżjud biex ikun daqs l-istima riveduta tal-ammont rekuperabbli tiegħu, iżda b'tali mod li l-ammont miżmum kif miżjud ma' jeċċedix l-ammont miżmum li wieħed kien jasal għalih kieku ma' kienx ġie rikonoxxut telf minħabba taħsir għal dak l-assi fis-snin ta' qabel. Riverżjoni ta' telf ikkaġunat minn taħsir tiġi minnufiħ rikonoxxuta bħala dħul.

## 4.5 Attiv finanzjarju

L-attiv finanzjarju minbarra l-kontanti u ekwivalenti jaqgħu taħt il-kategoriji hawn taħt:

- Self u ammonti riċevibbli ('loans and receivables')
- Investiment disponibbli għal-bejgħ ('available-for-sale investment')

Attiv finanzjarju jiġi assenjat f'kategoriji differenti meta dawn jiġu rikonoxxuti l-ewwel darba. Jiġu rikonoxxuti skont il-karatteristiċi tal-istrument u skont l-iskop tiegħu. Il-kategorija tal-istrument finanzjarju hu relevanti għax il-kategorija tistabbilixxi kif l-istrument jiġi mkejjel. Skont il-kategorija jiġi wkoll stabbilit jekk id-dħul u l-ispejjeż ta' dan l-istrument jiġux rikonoxxuti fil-kont ta' qliegħ u telf jew direttament fir-riżervi. Ara nota 18.5 għal sommarju tal-attiv finanzjarju tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi skont il-kategorija.

Il-Fond jirrikonoxxi l-attiv finanzjarju tagħha billi tuża it-'trade-date accounting'. Trid issir valutazzjoni jekk l-attiv finanzjarju ikunx 'impaired' fl-aħħar ta' kull sena finanzjarja. Il-valur fil-kotba ta' kull attiv finanzjarju, minbarra d-debituri tan-negozju, jonqos direttament bit-telf minħabba taħsir ('impairment'). Jekk ikun hemm 'impairment' fid-debituri tan-negozju (klijenti), l-'impairment' isir permezz ta' kont ta' provvediment. Meta xi bilanċ ta' klijent jitqies li ma jinġabarx, dan ikun maqtugħ kontra dan il-kont ta' provvediment. Meta jiġi rkuprat xi bilanċ li kien ipprovdut qabel, dan jiġi kkreditat kontra il-kont ta' provvediment. Bidliet tal-valur fil-kotba tal-kont ta' provvediment jiġu rikonoxxuti fil-kont tad-dħul u nfiq.

Kull dħul u spiża relatati ma' attiv finanzjarju jiġu rikonoxxuti fil-kont ta' dħul u nfiq.

***Self u ammonti riċevibbli***

Self u ammonti riċevibbli hu attiv finanzjarju mhux derivattiv li għandu valur fiss u li l-pagament ikun magħruf minn qabel u li mhux kwotat f'xi suq attiv. Wara li jiġi rikonoxxut l-ewwel darba, jiġi mkejjel bl-'amortised cost' billi jintuża l-'effective interest method', u jitnaqqas xi provvediment li jista jkun hemm. Ma' jsir l-ebda skontar jekk ir-riżultat ta' dan l-iskontar ikun żgħir ħafna. Bidliet fil-valur ikun rikonoxxut fil-kont ta' dħul u nfiq. L-attiv finanzjarju kurrenti tal- Fond Ċentrali tal-Koperattivi jaqa' kollu taħt din il-kategorija ta' strumenti finanzjarji.

Meta jkun hemm xi evidenza li xi debitur mhux se jħallas xi ammont dovut minnu, jew jekk xi bilanċ idum ma' jitħallas wara li ż-żmien stipulat fuqu jkun għalaq, il-bilanċ ta' dan id-debitur jiġi kkunsidrat għall-provvediment. Dan hu eżerċizzju li jsir fuq bażi individwali għal kull debitur li fuqu jkun hemm xi dubju. Il-kejl ta' provvediment għal dawn id-debituri jiddependi fuq il-valur li l-kumitat iqis li jista' jinġabar.

***Investiment disponibbli għal-bejgħ ('available-for-sale investment')***

Investiment disponibbli għall-bejgħ ('available-for-sale') huwa attiv finanzjarju mhux derivattiv li jew huwa kkategorizzat f'din il-kategorija jew ma jikkwalifikax biex ikun ikkategorizzat f'waħda mill-kategoriji l-oħra ta' attiv finanzjarju. Wara li jiġi rikonoxxut l-ewwel darba, jiġi mkejjel bil-valur ġust fil-karta tal-bilanċ.

Bidla fil-valur ġust huwa rikonoxxut fid-dħul komplessiv ieħor u jiġi rrappurtat fir-riżerva ta' valur ġust fl-istqarrija dwar bidliet fir-riżervi. F'każ ta' taħsir u bidla fil-kambju ta' munita, il-bidla tiġi rrikonoxxuta fil-kont ta' dħul u nfiq. Meta l-investiment jinbiegħ jew jitħassar il-qligħ jew telf akkumulat irrikonoxxut fid-dħul komplessiv ieħor jiġi rriklassifikat mir-riżerva ta' valur ġust għall-kont ta' dħul u nfiq u jiġi ppreżentat bħala riklassifikazzjoni fid-dħul komplessiv ieħor. L-interessi kkalkulati bl-'effective interest method' u 'dividends' huma rrikonoxxuti fil-kont ta' dħul u nfiq bħala dħul finanzjarju.

Treġġiegħ lura ta' telf minħabba taħsir huwa rrikonoxxut fid-dħul komplessiv ieħor, minbarra attiv finanzjarju li huma kklassifikati bħala titolu ta' debitu jew strumenti ta' dejn ieħor li huma rrikonoxxuti fil-kont ta' dħul u nfiq biss jekk dan it-treġġiegħ lura jista jiġi assoċjat oġġettivament f'avveniment li jseħħ wara dak il-waqt ta' meta t-taħsir kien irrikonoxxut.

### 4.6 Passiv finanzjarju

Il-passiv finanzjarju tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi jinkludi self u kredituri, li huma mkejla bl-'amortised cost' billi jintuża l-'effective interest method'. Sommarju tal-passiv finanzjarju tal-Fond skont il-kategorija jinsab f'nota 18.5.

Il-passiv finanzjarju jiġi rikonoxxut meta l-Fond Ċentrali tal-Koperattivi jidħol f'obbligu ta' ftehim kuntrattwali marbut mal-istrument finanzjarju. L-interessi fuq il-passiv jidħru bħala spiża fil-kont ta' dħul u ħruġ. Jekk ikun il-każ, tibdil fil-valur ġust tal-passiv finanzjarju li jiġi rrapurtat fir-riżultati tas-sena, jidhru fil-kont ta' dħul u nfiq għas-sena.

## 5 Taxxa fuq l-income

L-ebda ammont ta' taxxa fuq l-Income ma ġie pprovdut f'dan il-perjodu minħabba l-eżenzjoni taħt l-artiklu 12(2) fil-Att tat-Taxxa fuq Income. Din l-Ordni tal-Eżenzjoni ħarġet mill-Ministru tal-Finanzi fis-27 ta' Marzu 1996 b'effett retrospettiv.

## 6 Lista ta' kontribuzzjonijiet u debituri

| KOPERATTIVI | Kontribuzzjoni 2015 € | Kontribuzzjoni 2014 € | Total ta' kontribuzzjoni oħra € | Total ta' kontribuzzjoni € | Bilanċ ta' debituri 1/10/2015 € | Total ta' kontribuzzjoni € | Flus miġbura € | Bilanċ ta' Debituri 30/09/2016 € |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kop. Bdiewa San Pawl il-Bahar | 132 | - | - | 132 | 286 | 132 | 287 | 131 |
| Kop. Bdiewa ta' tar-Rabat | 19 | - | - | 19 | 13 | 19 | 13 | 19 |
| Kop. Bdiewa ta' l-Imġarr | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Kop. Ċentrali tal-Bdiewa - | 5,171 | - | - | 5,171 | - | 5,171 | - | 5,171 |
| Kop. Bdiewa ta' l-Inbid - Nota (b) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Kop. Produtturi tal-Ħalib | 86,668 | - | - | 86,668 | 69,570 | 86,668 | 69,570 | 86,668 |
| Għaqda Kop. tas-Sajd – Nota (b) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Kop. Nazzjonali tas-Sajd - Nota (a) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Għaqda Kop. tal-Burdnara (1987) - Nota (b) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Motor Towing Co-op | 2,118 | - | - | 2,118 | 518 | 2,118 | 3,296 | (660) |
| Gozitano Agriculture Coop | - | 24 | - | 24 | 1,347 | 24 | 1,185 | 186 |
| University Bookshop Coop - Nota (d) | 3,883 | - | - | 3,883 | - | 3,883 | - | 3,883 |
| Kop. Furnara (Servizzi) - Nota (c) | - | - | - | - | 195 | - | - | 195 |
| Kop. Indafa Pubblika - Nota (b) | - | - | - | - | 2,551 | - | - | 2,551 |
| Kop. Ta' min Irabbi l-Majjal | - | - | - | - | 23 | - | 23 | - |
| Koperattiva tat-Tabelli u Sinjali | 8,999 | - | - | 8,999 | 12,580 | 8,999 | 10,401 | 11,178 |
| Koperattiva Kummerċ gust - Nota (a) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Agricultural Co-op - Nota (a) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Outlook Management | 27,530 | - | - | 27,530 | - | 27,530 | 27,530 | - |
| Comino Ferries Coop Ltd | 2,911 | - | - | 2,911 | 4,523 | 2,911 | - | 7,434 |
| Consultancy Coop Ltd | 369 | - | - | 369 | 169 | 369 | - | 538 |

| KOPERATTIVI | Kontribuzzjoni 2015 € | Kontribuzzjoni 2014 € | Total ta' kontribuzzjoni oħra € | Total ta' kontribuzzjoni € | Bilanċ ta' debituri 1/10/2015 € | Total ta' kontribuzzjoni € | Flus miġbura € | Bilanċ ta' Debituri 30/09/2016 € |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kop. Servizzi Farmaċewtiċi | - | 12,871 | - | 12,871 | 11,266 | 12,871 | 11,266 | 12,871 |
| Co-op Services | 24,724 | - | - | 24,724 | 37,321 | 24,724 | 37,321 | 24,724 |
| The Executive Transport Co-op (nota b) | - | - | - | - | (24) | - | - | (24) |
| Koptaco | 1,597 | 2,811 | - | 4,408 | - | 4,408 | 4,408 | - |
| Media Co-op | 509 | - | - | 509 | 207 | 509 | - | 716 |
| Kop. Linen Services | 75,134 | - | - | 75,134 | 186,300 | 75,134 | 186,300 | 75,134 |
| Links Discounters | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Payzone Co-operative - Nota (c) | - | - | - | - | 2,477 | - | - | 2,477 |
| Crossroads Co-op Society | 16,824 | - | - | 16,824 | - | 16,824 | 16,824 | - |
| Kop Ghawdxija tal-Bizzilla | 8 | - | - | 8 | - | 8 | 8 | - |
| Vista Co-op | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Malta Maritime Pilots | 139,158 | - | - | 139,158 | 194,973 | 139,158 | - | 334,131 |
| Kop. Bdiewa Qormi - Nota (b) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Kop. Bdiewa Siġġiewi - Nota (b) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Kop. Eden - Nota (c) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Kop. Kulturali Universitarja | 187 | - | - | 187 | - | 187 | 187 | - |
| Kop. Ghawdxija Indafa Pubblika | 7,254 | - | - | 7,254 | - | 7,254 | 7,254 | - |
| Zabbar Farmers | 286 | - | - | 286 | 234 | 286 | 234 | 286 |
| Hex Cleaning Services | 3,886 | - | - | 3,886 | - | 3,886 | 3,886 | - |
| Koperattiva xoghol u Hena - Nota (b) | - | - | - | - | (10) | - | - | (10) |

| KOPERATTIVI | Kontribuzzjoni 2015 € | Kontribuzzjoni 2014 € | Total ta' Kontribuzzjoni ohra € | Total ta' kontribuzzjoni € | Bilanċ ta' Debituri 1/10/2015 € | Total ta' kontribuzzjoni € | Flus miġbura € | Bilanċ ta' Debituri 30/09/2016 € |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Q & A Co-op. Ltd - Nota (c) | - | - | - | - | 33 | - | - | 33 |
| Kopta Freeze Ltd | 56 | - | - | 56 | 339 | 56 | 318 | 77 |
| Northern Cleaning Co-operative - Nota (c) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Kop. tal-Barklori | 260 | - | - | 260 | 16 | 260 | 16 | 260 |
| Koperattiva Kopri | 5 | - | - | 5 | (3) | 5 | 16 | (14) |
| Archaeology Services Co-operative - | - | 209 | - | 209 | 38 | 209 | 247 | - |
| KRL Co-operative Ltd - Nota (a) | - | - | - | - | 147 | - | - | 147 |
| Youthscope Co-op - Nota (c) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Koperattiva Youth Generation - Nota (a) | - | - | - | - | (157) | - | - | (157) |
| Broiler Breeders Co-operative - Nota (c) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| The Restoration & Conservation Coop Ltd | - | - | - | - | 6,039 | - | - | 6,039 |
| Transport Services for Disabled Persons Co-op | 23 | - | - | 23 | 328 | 23 | 272 | 79 |
| Knowledge Matters Coop | 275 | - | - | 275 | 1,379 | 275 | - | 1,654 |
| Koperattiva Rurali Manikata | - | - | - | - | 92 | - | 92 | - |
| Koperattiva Maltese Kitchen - Nota (c) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Gomriża Maltese Agri Prod. - Nota (a) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Ports Foremen Co-op Ltd | 15,296 | - | - | 15,296 | 29,873 | 15,296 | - | 45,169 |
| What matters Co-op - Nota (c) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Koperattiva tal-Aluminium - nota (b) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Independent Financial Advice Co-op - nota (b) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| All 4 one Cooperative Society Ltd - nota (a) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Enviro Co-op - nota (b) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Mitholma Co-operative Limited - nota (a) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Koperttiva Trade Trainers Ltd - nota (b) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Omnicase Co-operative Limited - nota (a) | - | - | - | - | - | - | - | - |

| KOPERATTIVI | Kontribuzzjoni 2015 € | Kontribuzzjoni 2014 € | Total ta' Kontribuzzjoni oħra € | Total ta' kontribuzzjoni € | Bilanċ ta' Debituri 1/10/2015 € | Total ta' kontribuzzjoni € | Flus miġbura € | Bilanċ ta' Debituri 30/09/2016 € |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Farm Advisory Services Coop | - | - | - | - | 324 | - | - | 324 |
| Kop Produtturi tat-tadam - Nota (a) | 112 | - | - | 112 | - | 112 | 112 | - |
| Euromed Connect - Nota (b) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| GreenPak Co-op Society Ltd | 2,861 | - | - | 2,861 | (5) | 2,861 | 2,861 | (5) |
| Professional Nautical Sevices Coop Ltd | 12,202 | - | - | 12,202 | 90,714 | 12,202 | - | 102,916 |
| Empower Cooperative Ltd - Nota (a) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Koperattiva Malta Kuba - Nota (a) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Trend Ventures Coop Ltd | - | - | - | - | 26 | - | - | 26 |
| Koperattiva tal-Coaches Għawdex Limitata | 387 | - | - | 387 | 1,357 | 387 | 1,357 | 387 |
| Zum Co-operative - Nota (b) | - | 1,055 | 304 | 1,359 | - | 1,359 | - | 1,359 |
| FocalPoint Transport Co-op Ltd | - | 267 | - | 267 | 836 | 267 | - | 1,103 |
| MMRTC Co-op Society Ltd | 5,449 | - | - | 5,449 | 9,412 | 5,449 | - | 14,861 |
| Malta Boatmen & Mooring Services Coop Ltd | 13,946 | - | - | 13,946 | - | 13,946 | - | 13,946 |
| Me2 Coop Ltd - Nota (b) | - | - | - | - | 169 | - | - | 169 |
| Dingli Farmers Cooperative - Nota (a) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Malta Potato Exports Co-operative - Nota (b) | - | - | - | - | 103 | - | 103 | - |
| Training 4 life Co-operative Limited - Nota (a) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Darsia Co-op Limited - Nota (b) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| All Services Co-operative Limited - Nota (b) | - | - | - | - | - | - | - | - |
| | 458,239 | 17,237 | 304 | 475,780 | 665,579 | 475,780 | 385,387 | 755,972 |
| Zid/(naqqas): | | | | | | | | |
| Proviżjoni fuq debituri | | | | | (2,551) | | | (2,551) |
| | | | | | 663,028 | | | 753,421 |
| Debituri oħra | | | | | 399 | | | 399 |
| | | | | | 663,427 | | | 753,820 |

Noti:

a – Koperattivi li ma kellhomx qliegħ fis-sena 2015 u/jew fl-2014.

b – Koperattivi li għadhom ma pprovdewx informazzjoni.

c – Koperattivi li qegħdin fil proċess ta' likwidazzjoni.

d – Ammont ta' kontribuzzjoni mħallas fuq medda ta' snin u rikonoxxut f'din is-sena finanzjarja.

## 7 Dħul finanzjarju minn investimenti

| | 2016 | 2015 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Imgħax miġbur f'dan il-perjodu kien maqsum hekk: | | |
| Fuq investimenti disponibbli għal-bejgħ | 33,079 | 55,149 |
| Fuq kontijiet fissi bankarji | 320 | 1,414 |
| | **33,399** | **56,563** |
| Naqqas il-provediment tas-sena l-oħra | (18,042) | (24,219) |
| Imgħax nett miġbur | 15,357 | 32,344 |
| Imgħax li għad irid jinġabar | 22,347 | 18,042 |
| Total ta' imgħax migbur | **37,704** | **50,386** |
| Riklassifikazzjoni għal-kont ta' dħul u nfiq fuq bejgħ ta' investimenti | **9,484** | - |
| **Total ta' dħul finanzjarju** | **47,188** | **50,386** |

## 8 Koperattivi Malta

Koperattivi Malta, l-organizzazzjoni tal-Koperattivi Maltin, twaqqfet b'dawn l-għanijiet:

a) Li tħaddan u tippromwovi l-prinċipji koperattivi kif elenkati fl-Att;
b) Li tħeġġeġ l-edukazzjoni dwar il-koperattivi, it-taħriġ, ir-riċerki u li tiġbor tagħrif għall-iskop tal-iżvilupp tal-Moviment;
c) Li tipprovdi u tissorvelja servizzi fuq tmexxija, marketing, kontabilita', verifika, u konsulenza lill-Għaqdiet membri;
d) Li tkun rappreżentanta u leħen għall-Moviment Koperattiv Malti;
e) Li tħaffef ix-xogħol tal-Għaqdiet koperattivi primarji, sekondarji u terzjarji kollha f'Malta.

Matul is-sena, Fond Ċentrali tal-Koperattivi għandu jirċievi € 30,609 (2015: xejn) mingħand Koperattivi Malta minħabba ċertu ħlasijiet żejda li saru lil Koperattivi Malta matul is-sena.

## 9 Bilanċ favorevoli għas-sena

Il-bilanċ favorevoli għas-sena hu muri wara li tnaqqas:

| | 2016 | 2015 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Kumpens tal-awdituri | 2,360 | 3,268 |
| Onoraria lill-membri tal-Kumitat | 10,458 | 10,629 |
| Spejjeż tal-imjegati | 9,149 | 8,627 |
| Deprezzament | 3,912 | 3,912 |
| Numru ta' membri tal-Kumitat inkluż is-Segretarju | 8 | 7 |

## 10 Propjeta', inġenji u makkinarju

| | Propjeta' immobbli € | Apparat ta' l-uffiċċju € | Apparat tal-Kompjuter € | Total € |
|---|---|---|---|---|
| **Kemm swew** | | | | |
| Fl-1 ta' Ottubru 2014 | 742,290 | 36,877 | 5,526 | 784,693 |
| Zidiet | - | - | - | - |
| Fit-30 ta' Settembru 2015 | 742,290 | 36,877 | 5,526 | 784,693 |
| Fl-1 ta' Ottubru 2015 | 742,290 | 36,877 | 5,526 | 784,693 |
| Zidiet | - | - | - | - |
| Fit-30 ta' Settembru 2016 | 742,290 | 36,877 | 5,526 | 784,693 |
| **Deprezzament** | | | | |
| Fl-1 ta' Ottubru 2014 | - | 17,729 | 4,934 | 22,663 |
| Ammont provdut għas-sena | - | 3,616 | 296 | 3,912 |
| Fit-30 ta' Settembru 2015 | - | 21,345 | 5,230 | 26,575 |
| Fl-1 ta' Ottubru 2015 | - | 21,345 | 5,230 | 26,575 |
| Ammont provdut għas-sena | - | 3,616 | 296 | 3,912 |
| Fit-30 ta' Settembru 2016 | - | 24,961 | 5,526 | 30,487 |
| **Valur skont il-kotba** | | | | |
| **Fl-1 ta' Ottubru 2014** | **742,290** | **19,148** | **592** | **762,030** |
| **Fit-30 ta' Settembru 2015** | **742,290** | **15,532** | **296** | **758,118** |
| **Fit-30 ta' Settembru 2016** | **742,290** | **11,916** | - | **754,206** |

## 11 Investimenti

Il-bidla fl-investimenti tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi għas-snin tar-rappurtaġġ huwa ppreżentat kif ġej:

| | 2016 € | 2015 € |
|---|---|---|
| Fl-1 ta' Ottubru | 2,654,180 | 2,629,322 |
| Ċaqlieq fil-valur ġust | 70,191 | 24,858 |
| Bejgħ ta' l-investimenti | (323,233) | - |
| Fit-30 ta' Settembru | **2,401,138** | **2,654,180** |

### 11.1 Investimenti disponibbli għall-bejgħ

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi għandu investiment disponibbli għall-bejgħ kif ġej:

| | 2016 € | 2015 € |
|---|---|---|
| Investiment fi Trust | 2,401,138 | 2,654,180 |
| Total ta' investiment disponibbli għall-bejgħ | **2,401,138** | **2,654,180** |

L-investiment fi Trust tal-Fond Ċentrali kien marbut bi 'Pledge' lill-bank bħala sigurta' għal-Loans I u II kif jidhru f'nota 14. Dan il-self tħallas kollu matul din is-sena, u għaldaqstant il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi ma baqalux djun xi jħallas.

### 12 Imgħax li jrid jinġabar

| | 2016 € | 2015 € |
|---|---|---|
| Kontijiet kurrenti u oħrajn | 500 | 500 |
| Investiment | 21,847 | 17,542 |
| | **22,347** | **18,042** |

### 13 Flus fl-idejn u bilanċ tal-bank

Il-flus fl-idejn u bilanċ tal-bank jinkludu:

| | 2016 € | 2015 € |
|---|---|---|
| Kontijiet kurrenti | 642,027 | 304,905 |
| Flus fl-idejn | 1 | 1 |
| **Flus fl-idejn u kontijiet tal-bank fl-istqarrija dwar dħul u ħruġ ta' flus** | **642,028** | **304,906** |

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi ma kellux restrizzjonijiet fuq il-kontijiet tal-bank tiegħu fl-aħħar tas-sena.

## 14 Self

| | 2016 | 2015 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Fit-tul** | | |
| Self fit-tul mill-bank (mhux kurrenti) – Loan I | - | 170,399 |
| | **-** | **170,399** |
| **Kurrenti** | | |
| Self kurrenti – Loan I | - | 53,497 |
| | **-** | **53,497** |
| **Self imqassam fuq perjodu ta' snin kif ġej:** | | |
| - Inqas minn sena | - | 53,497 |
| - Bejn sentejn sa ħames snin | - | 170,399 |
| | **-** | **223,896** |

Is-self mill-bank kien assigurat b'garanzija fuq l-investimenti tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi.

Is-sena l-oħra, il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi kellu loans xi jħallas lill-bank. Loan I kien iħaddan interessi bir-rata ta' 3.65% u kien qed ikun mħallas b'pagamenti fix-xahar ta' €5,065.

Dan is-self tħallas kollu matul din is-sena finanzjarja.

## 15 Kredituri

| | 2016 | 2015 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Skema ta' self għall-Koperattivi | 4,508 | 8,818 |
| Kredituri professjonali u accruals | 10,327 | 10,894 |
| **Passiv finanzjarju** | **14,835** | **19,712** |

Il-valur tal-passiv finanzjarju kurrenti fil-karta tal-bilanċ huwa kkunsidrat li jqarreb il-valur ġust.

## 16 Skema ta' self għall-koperattivi

Is-somma ta' € 4,508 (2015: € 8,818) qed tiġi provduta bħala sussidju fuq self tal-koperattivi mill-banek kummerċjali.

| | 2016 | 2015 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Ammont li ġej mis-sena l-oħra | 8,818 | 3,585 |
| Ammont provdut għal din is-sena | 2,094 | 5,233 |
| Ammont imħallas | (6,404) | - |
| **Ammont li sejjer għas-sena li ġejja** | **4,508** | **8,818** |

Mis-sena 1998 sa Mejju 2006 l-Fond issussidja is-self ta' ċerti koperattivi, b'rata ta 4.5% fis-sena fuq l-ammont li jkun dovut lill-bank kummerċjali. Sussidji ġodda mogħtija wara Mejju 2006 ingħataw fuq bażi ta' 50% tal-imgħax li dawn il-koperattivi jkunu ħallsu fuq is-self tagħhom.

Is-self massimu li jibbenefika għal dan is-sussidju huwa ta' €70,000.

## 17 Stqarrija dwar dħul u ħruġ ta' flus

L-aġġustamenti li jridu jsiru fuq il-bilanċ għas-sena biex twassal ir-riżultat għall-attivitajiet kummerċjali qabel l-effett tad-dħul u nfiq li ma jaffettwawx il-kontanti u ekwivalenti huma magħmula minn:

| | 2016 € | 2015 € |
|---|---|---|
| **Aġġustamenti:** | | |
| Deprezzament | 3,912 | 3,912 |
| Imgħax mill-investiment | (37,704) | (50,386) |
| Proviżjoni għal sussidju fuq self tal-koperattivi | 2,094 | 5,233 |
| Qligħ fuq bejgħ ta' l'investimenti | (9,484) | - |
| Interessi fuq self | 2,409 | 11,363 |
| | **(38,773)** | **(29,878)** |

## 18 Għanijiet u politika ta' immaniġġjar ta' riskji

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi huwa espost għall-riskji ta' swieq, riskji fuq il-kreditu u riskji ta' likwidita' meta jinnegozja permezz ta' strumenti finanzjarji fl-operat tiegħu. L-immaniġġjar ta' dawn ir-riskji hija kkordinata mill-membri tal-Kumitat u tiffoka fuq li żżomm sħiħa l-likwidita' tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi fiż-żmien qasir kif ukoll fit-tul billi jnaqqas l-espożizzjoni tiegħu għar-riskji finanzjarji.

Dawk ir-riskji finanzjarji li għalihom huwa l-aktar espost il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi huma kif dettaljati hawn taħt. Ara wkoll nota 18.5 għall-sommarju tal-attiv u l-passiv finanzjarju skont il-kategorija li jaqgħu fiha.

### 18.1 Riskju tal-valuta

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi ma huwiex espost għar-riskju tal-valuta fuq ix-xiri għax ma kellu l-ebda xiri f'muniti barra l-Ewro.

### 18.2 Riskju tar-rati tal-imgħax

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi mhux espost għar-riskji fuq bidliet fir-rati tal-imgħax fuq is-self mill-bank minħabba li dan tħallas kollu matul is-sena kurrenti. Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi ma daħlet f'ebda 'hedging' fuq rati tal-imgħax matul is-sena.

### 18.3 Riskju fuq il-kreditu

L-espożizzjoni għar-riskju fuq il-kreditu huwa llimitat għall-valur fil-kotba tal-attiv finanzjarju fid-data tal-karta tal-bilanċ kif muri hawn taħt:

| | Noti | 2016 | 2015 |
|---|---|---|---|
| | | € | € |
| Klassijiet ta' attiv finanzjarju – skont il-kotba | | | |
| Debituri - kontribuzzjoni | 6 | 753,820 | 663,427 |
| Debituri - Koperattivi Malta | 8 | 30,609 | - |
| Investiment disponibbli għal-bejgħ | 11 | 2,401,138 | 2,654,180 |
| Imgħax li jrid jinġabar | 12 | 22,347 | 18,042 |
| Flus fl-idejn u kontijiet tal-bank | 13 | 642,028 | 304,906 |
| | | **3,849,942** | **3,640,555** |

L-attiv finanzjarju jinkludi l-investimenti, debituri, flus fil-bank u fl-idejn. Ir-riskju li l-Fond Ċentrali tal-Koperattivi huwa espost għalih huwa limitat għall-valur miżmum fil-kotba tal-attiv finanzjarju. Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi jissorvelja kontinwament id-debituri tiegħu u flejjes li għad iridu jinġabru, kemm individwalment jew fi gruppi ta' riskju, u jinkorpora din l-informazjoni fil-kontrolli tar-riskju fuq il-kreditu.

Ir-riskju tal-kreditu fuq il-fondi likwidi huwa kkunsidrat negliġibbli minħabba li l-istituzzjonijiet huma banek b'livell għoli ta' 'credit rating' u istituzzjonijiet finanzjarji oħra ta' reputazzjoni għolja.

Il-Kumitat jikkunsidra li l-istrumenti finanzjari li m'humiex mittiefsa fid-dati rappurtati huma ta' kwalita' tajba.

### 18.4 Riskju ta' likwidita'

L-espożizzjoni tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi għar-riskju ta' likwidita' joħroġ mill-obbligu li jħallas il-passiv finanzjarju tiegħu, li kien jinkludi self bankarju u l-kredituri l-oħra kollha (ara noti 14 u 15). L-immaniġġjar prudenti tar-riskju ta' likwidita' jfisser li żżomm biżżejjed flus fl-idejn u fil-bank, flimkien ma' faċilitajiet oħra ta' kreditu disponibbli, sabiex tiżgura li jkun hemm biżżejjed fondi biex jitħallas il-passiv finanzjarju meta dan ikun dovut.

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi jieħu ħsieb il-likwidita' billi jgħarbel sew il-ħruġ ta' flus kollu matul ix-xogħol ta' kuljum. Il-likwidita' tiġi mħarsa kull xahar u anke kull sena.

B'eċċezzjoni tas-self kif muri f'nota 14, il-passiv finanzjarju tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi fid-data tal-karta tal-bilanċ huwa kollu dovut fi żmien qasir u dan ma jaqbiżx sena.

## 18.5 Sommarju ta' attiv u passiv finanzjarju skond il-kategorija

Il-valur fil-kotba ta' l-attiv u l-passiv finanzjarju tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi kif rikonoxxut fid-data tal-karta tal-bilanċ ta' din is-sena u dik ta' qabel jistgħu ikunu kkategorizzati kif ġej. Ara noti 4.5 u 4.6 għal spjegazzjoni fuq kull kategorija ta' strumenti finanzjarji.

| | 2016<br>€ | 2015<br>€ |
|---|---|---|
| **Attiv marbut** | | |
| Investiment disponibbli għall-bejgħ | 2,401,138 | 2,654,180 |
| | **2,401,138** | **2,654,180** |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Self u ammonti riċevibbli: | | |
| - Debituri - kontribuzzjoni | 753,820 | 663,427 |
| - Debituri - Koperattivi Malta | 30,609 | - |
| - Imgħax li jrid jinġabar | 22,347 | 18,042 |
| - Flus fl-idejn u kontijiet tal-bank | 642,028 | 304,906 |
| | **1,448,804** | **986,375** |
| **Passiv fit-tul** | | |
| Passiv kurrenti rikonoxxut fuq l-'amortised cost': | | |
| - Self | **-** | **170,399** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Passiv kurrenti rikonoxxut fuq l-'amortised cost': | | |
| - Self | - | 53,497 |
| - Kredituri | 14,835 | 19,712 |
| | **14,835** | **73,209** |

## 18.6 Strumenti finanzjarji mkejla skont il-valur ġust

It-tabella kif ġejja tippreżenta l-attiv u l-passiv finanzjarju mkejjel skont il-valur ġust fil-karta tal-bilanċ skont il-livell ta' ġerarkija. Din il-ġerarkija tiġbor l-attiv u l-passiv finanzjarju fi tlett livelli skont il-metodu ta' kif l-informazzjoni biex jiġi ddeterminat il-valur ġust ikun miġbur. Il-livelli ta' ġerarkija fil-valur ġust huma kif ġej:

- L-ewwel livell: prezzijiet ikkwotati (mhux aġġustati) ġo swieq attivi għall-istess attiv jew passiv finanzjarju;
- It-tieni livell: ġbir ta' informazzjoni biex jiġi ddeterminat il-prezz li mhux prezz ikkwotat skont l-ewwel livell u li jista' jiġi osservat għall-attiv jew passiv finanzjarju. Dan il-metodu jista' jkun jew dirett (minn prezzijiet) jew indirett (idderivat minn prezzijiet); u
- It-tielet livell: ġbir ta' informazzjoni biex jiġi ddeterminat il-prezz tal-attiv jew il-passiv li mhux idderivat minn informazzjoni tas-suq li jista' jiġi osservat jew imkejjel (ġbir ta' data mhux osservabbli).

L-attiv jew il-passiv finanzjarju jiġi kklassifikat f'xi livell qabel xi ieħor jekk dak il-livell ikollu l-inqas impatt fuq il-valur ġust tal-attiv jew passiv finanzjarju.

Din is-sena l-attiv finanzjarju fil-karta ta' bilanċ kif imkejjel bil-valur ġust huwa mqassam fil-livelli ta' ġerarkija kif ġej:

| | Nota | L-ewwel livell € | Total € |
|---|---|---|---|
| Titoli elenkati fuq borża (listed securities) | a | 2,178,107 | 2,178,107 |
| | | **2,178,107** | **2,178,107** |

Fis-sena 2015 l-attiv finanzjarju fil-karta ta' bilanċ kif imkejjel bil-valur ġust kien imqassam fil-livelli ta' ġerarkija kif ġej:

| | Nota | L-ewwel livell € | Total € |
|---|---|---|---|
| Titoli elenkati fuq borża (listed securities) | a | 2,396,397 | 2,396,397 |
| | | **2,396,397** | **2,396,397** |

### Kejl skont il-valur gust

Il-metodu u t-teknika ta' kejl ta' valur ġust huma kif ġej:

### a) Titoli elenkati fuq borża

It-titoli elenkati fuq borża huma kollha ikkwotati fl-ewro u huma kollha nnegozjati fuq borża rrikonoxxuta. Il-valur ġust huwa miġbur skont il-prezz tat-titolu fit-30 ta' Settembru 2016 u fit-30 ta' Settembru 2015.

## 19 Politika u proċeduri fuq l-immaniġġjar tal-kapital

L-iskopijiet tal-immaniġjar tal-kapital tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi jkun li jiġbor l-ammont dovut mill-koperattivi skont il-liġi filwaqt li jħares l-obbligi tiegħu lejn l-istess membri.

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi jżomm ukoll struttura kapitali adegwata sabiex inaqqas l-ispiża tal-kapital innifsu.

## 20 Uffiċċju reġistrat

L-uffiċċju reġistrat tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi huwa Koperattivi Malta, Mdina Road, Qormi, QRM 9011.

## 21 Avvenimenti li ġraw wara d-data tal-karta tal-bilanċ

Ma kienx hemm aġġustamenti jew avvenimenti oħra li ġraw bejn id-data tal-karta tal-bilanċ u d-data tal-approvazzjoni miċ-Chairman u s-Segretarju.

## 23 Onorarja tal-Membri tal-Kumitat u remunerazzjoni tas-Segretarju tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi

Ir-rata tal-Onorarja tal-Membri tal-Kumitat u remunerazzjoni tas-Segretarju huma kif jidru hawn taħt:

| | 2016 | 2015 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Chairman | 932 | 2,504 |
| Membri | 9,526 | 8,125 |
| Segretarju | 9,149 | 8,627 |

# Rapport indipendenti ta' l-awdituri

## Rapport fuq il-kontijiet finanzjarji

Ivverifikajna l-kontijiet finanzjarji tal-Fond Ċentrali li jinstabu f'paġni 4 sa 26 u li jinkludu l-Karta tal-Bilanċ għas-sena li għalqet fit-30 ta' Settembru 2016, kif ukoll il-kont ta' Dħul u Nfiq, l-Istqarrija dwar il-Bidliet fil-Fond Akkumulat u Riżervi u l-Istqarrija dwar id-Dħul u l-Ħruġ tal-Flus għas-sena li għalqet f'dik id-data, ġabra tal-politika tal-kontabilita' u noti oħrajn.

### Responsabilta' tal-Kumitat tat-Tmexxija

Il-Kumitat tal-Fond Ċentrali hu responsabbli li jipprepara dawn il-kontijiet finanzjarji skond l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju u kif addottat mill-Unjoni Ewropea. Din ir-responsabilta' tinkludi: it-tifsil, it-twettiq u ż-żamm tas-sistema tal-kontrolli interni li huma relevanti għal preparazzjoni ta' dawn il-kontijiet finanzjarji li huma mingħajr dikjarazzjonijiet ħżiena materjali kemm minħabba frodi kif ukoll żbalji; l-għażla u l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' kontabilita' użati u l-kalkolu ta' stimi li huma raġonevoli.

### Responsabilta' ta' l-awdituri

Hija r-responsabilita' tagħna li nagħtu opinjoni fuq dawn il-kontijiet finanzjarji bbażat fuq ix-xogħol ta' verifika li sar skond l-Istandards Internazzjonali ta' Verifika. Dawn l-istandards jirrikjedu li nimxu skond il-ħtiġijiet tal-etika u li nippjanaw u nagħmlu x-xogħol ta' verifika biex inġibu assikurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet finanzjarji ma fihomx dikjarazzjonijiet ħżiena materjali.

Ix-xogħol ta' verifika jinvolvi li jsiru proċeduri biex niġbru evidenza fuq l-ammonti murija fil-kontijiet finanzjarji. Il-proċeduri li ngħażlu jiddependu fuq il-ġudizzju tagħna, li jinkludu l-istima ta' riskju li l-kontijiet finanzjarji fihom dikjarazzjonijiet ħżiena materjali, kemm minħabba żbalji jew frodi. Biex naslu għal dawn l-istimi, nikkunsidraw is-sistema ta' kontrolli interni li huma relevanti biex jiġu ppreparati l-kontijiet finanzjarji. Dan isir biex inkunu nistgħu nfasslu l-proċeduri ta' verifika tagħna u mhux biex nagħtu opinjoni fuq l-effettivita' tas-sistema tal-kontrolli interni tal-Koperattiva. Ix-xogħol tal-verifika jinkludi wkoll li nevalwaw il-prinċipji tal-kontabilita' użati u jekk l-istimi ta' kontabilita' użati mill-Kumitat tat-Tmexxija humiex raġonevoli, kif ukoll nevalwaw il-preżentazzjoni tal-kontijiet finanzjarji.

Nemmnu li l-evidenza li ġbarna hi suffiċjenti u tipprovdi bażi tajba għall-opinjoni tagħna.

Bażi għal Opinjoni Kwalifikata

Kif muri f'nota 6 ta' dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, fit-30 ta' Settembru 2016 il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi kellu jirċievi kontribuzzjonijiet li jammontaw għal € 753,820. Minn dik id-data sal-iffirmar ta' dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, il-Fond Ċentrali rċieva ħlas mingħand uħud minn dawn id-debituri. Il-Fond Ċentrali jsostni li l-ammonti kollha pendenti huma dovuti.

Fir-rigward tal-bilanċi li kienu dovuti fit-30 ta' Settembru 2015, il-Fond bagħat ittri legali lill-koperattivi kollha għall-ammonti ta' kontribuzzjonijiet li baqgħu ma tħallasux sas-6 ta' Ottubru 2016. Sussegwentement, il-Fond bagħat ukoll ittra ġudizzjarja lil dawk il-Koperattivi li kienu għadhom ma ħallsux l-ammonti dovuti sat-28 ta' April 2016. Ma kien hemm ebda żviluppi oħra fis-sena finanzjarja li għalqet fit-30 ta' Settembru 2016.

Inkluż fl-ammont imsemmi hawn fuq, hemm bilanċi li jammontaw għal € 514,426 (2015: €338,608) li huma riċevibbli mingħand għadd ta' koperattivi li huma membri tal-Malta Co-Operative Federation. Din il-Federazzjoni nformat bil-miktub lill-Fond Ċentrali tal-Koperattivi li l-membri tagħha mhux se jħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-Fond qabel ma jigu riżolti ċerti kwistjonijiet li qiegħda tisħaq fuqhom il-Malta Co-Operative Federation. Fl-24 ta' Awwissu 2016, dawn il-koperattivi ddepositaw ammont ta' € 181,959 il-Qorti, liema somma, skond il-Federazzjoni, tirrapreżenta kontribuzzjonijiet dovuti għas-snin 2011, 2012 u 2013. Din is-somma tista' tiġi żbankata mill-Fond Ċentrali jekk il-koperattivi tramite l-Federazzjoni jagħtu l-kunsens tagħhom għal tali żbank jew jekk ikun hemm ordni tal-Qorti finali.

Dan kollu jitfa' dubju dwar jekk il-bilanċi dovuti mingħand dawn il-koperattivi membri humiex se jitħallsu.

Opinjoni Kwalifikata

Fl-opinjoni tagħna, ħlief għall-effetti tal-kwistjoni msemmija taħt Bażi għal Opinjoni Kwalifikata, d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi jagħtu dehra veritiera u ġusta tat-tranżazzjonijiet finanzjarji u ta' l-istat finanzjarju tal-Fond fit-30 ta' Settembru 2016, il-bidliet fil-fond akkumulat u d-dħul u l-ħruġ tal-flus għas-sena li għalqet f'dik id-data skond l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju u ġew imħejjija sew skond id-dispożizzjonijiet ta l-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi, Kap.442 u nżammu *accounting records* kif suppost.

Mark Bugeja (Partner) għan-nom ta'

**GRANT THORNTON**
Certified Public Accountants

Tower Business Centre, Suite 3
Tower Street
Swatar BKR 4013
Malta

12 ta' Settembru 2017

# Skeda ta' nfiq ta' flus

| | 2016 | 2015 |
|---|---|---|
| | € | € |
| SPEJJEŻ AMMINISTRATTIVI | | |
| Onoraria lill-membri tal-Kumitat | 10,458 | 10,629 |
| Onoraria tas-Segretarju tal-Kumitat | 9,149 | 8,627 |
| Insurance | 968 | 959 |
| Spejjeż ta' l-informatika | 285 | 89 |
| Dawl u ilma | 3,766 | 1,906 |
| Spejjeż ġenerali | - | 300 |
| Kumpens tal-awdituri (inkluż il-vat) | 2,360 | 3,268 |
| Spejjeż professjonali | 2,741 | 945 |
| Spejjeż legali | 1,180 | 118 |
| Deprezzament | 3,912 | 3,912 |
| Spejjeż tal-uffiċċju | 246 | 438 |
| Spejjeż oħra | 1,983 | 210 |
| Spejjeż tal-AGM | (215) | (92) |
| | **36,833** | **31,309** |
| ATTIVITAJIET OĦRA | | |
| Sponsorship | 600 | 600 |
| | **600** | **600** |
| KONTRIBUZZJONI LIL KOPERATTIVI MALTA | **67,567** | **66,658** |
| SHUBIJA MA' GHAQDIET INTERNAZZJONALI | **31,169** | **22,086** |

# Skeda ta' nfiq ta' flus

| | 2016 € | 2015 € |
|---|---|---|
| SPEJJEŻ FINANZJARJI | | |
| Imgħax tal-bank | 2,409 | 11,363 |
| Spejjeż bankarji | 36 | 70 |
| | **2,445** | **11,433** |
| SKEMA TA' SUSSIDJU FUQ L-IMGĦAX FUQ SELF U GRANTS OĦRA | | |
| Start-up grants | 3,000 | 1,000 |
| Website u 'training grants' | 7,724 | 8,756 |
| Skema ta'sussidju fuq l-imgħax fuq self | 2,095 | 5,233 |
| | **12,819** | **14,989** |
| **TOTAL** | **151,433** | **147,075** |